



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, l-14 ta' Lulju 2020

Il-finanzjament għall-irkupru REACT-EU: tensjoni bejn l-appoġġ rapidu u l-valur għall-flus, jgħidu l-Awdituri

Il-proposta REACT-EU tal-Kummissjoni Ewropea biex tissupplimenta il-finanzjament ta' koeżjoni għall-pajjiżi tal-UE b'EUR 58 biljun fl-ewwel ftit snin kruċjali tal-irkupru mill-COVID-19 għandha l-għan li timmobilizza l-investiment u tantiċipa l-appoġġ finanzjarju. Skont Opinjoni ġdida li ġiet ippubblikata llum, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) tiġbed l-attenzjoni għat-tensjoni bejn l-għan tal-proposta li tipprovdi l-finanzjament addizzjonali malajr kemm jista' jkun u l-għan li dan ikun disponibbli fejn ikun l-aktar meħtieġ u fejn se jkollu l-aktar effett. L-awdituri jwissu wkoll li l-mekkaniżmi ta' rispons għall-kriżi li l-Kummissjoni qiegħda tipproponi għall-baġit għas-seba' snin li jmiss ma għandhomx dispożizzjonijiet li jwasslu għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-UE.

L-UE ppreżentat pakkett b'valur ta' EUR 750 biljun magħruf bħala "Next Generation EU", biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jimminimizzaw l-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija u jerġgħu lura fit-triq lejn it-tkabbir sostenibbli. Il-pakkett jinkludi l-Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU), bħala parti mill-baġit għall-perjodu 2014-2020, intenzjonat biex jistabbilixxi l-bażi għall-irkupru tal-UE fil-perjodu 2020-2022. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet regoli ġodda għall-fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) fil-baġit tal-perjodu 2021-2027, li għandhom l-għan li jipprovdu mekkaniżmi li jistgħu jiġu skattati malajr f'każ li jkun hemm aktar xokkijiet fis-snin li ġejjin. L-awdituri vvalutaw dawn iż-żewġ proposti.

"Wara t-tifqigħa tal-Covid-19, il-Kummissjoni ħadet azzjoni fuq għadd ta' aspetti, inkluż billi mmobilizzat malajr fondi addizzjonali u pproponiet regoli ta' finanzjament ġodda," qalet Iliana Ivanova, il-Membri tal-QEA responsabbli għall-opinjoni. "Aħna nilqgħu dawn il-miżuri, iżda biex ikunu effettivi jeħtieġ li jkunu kkoordinati tajjeb kemm fil-livelli nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE."

L-awdituri jfaħħru l-proposta tal-Kummissjoni biex il-finanzjament ta' REACT-EU jiġi amministrat taħt strutturi eżistenti tal-fondi SIE fl-Istati Membri, li huma jgħidu hija "idea għaqlija u pragmatika". Madankollu, il-proposta tagħti lill-Istati Membri l-libertà dwar kif jużaw il-finanzjament addizzjonali u ma għandhiex dettalji dwar kif dan se jiġi kkoordinat mal-istrumenti l-oħra tal-UE u mal-iskemi nazzjonali. Dan joħloq ir-riskju ta' frammentazzjoni jew duplikazzjoni

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-opinjoni maħruġa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. L-opinjoni sħiħa tinsab fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

tal-appoġġ mill-UE. Barra minn hekk, ikun jeħtieġ li l-Istati Membri jimpjenjaw il-finanzjament addizzjonali (jiġifieri jassenjawh għal skopijiet speċifiċi) sal-2022, li se jitfa' pressjoni akbar fuq l-abbiltà tagħhom li jonfqh b'mod tajjeb u korrett, u dan iwassal għar-riskju ta' nfiq mgħaġġel li jagħti prijorità lill-assorbiment fuq il-valur għall-flus ("tużah jew titilfu") kif ukoll għal riskju oġġla ta' irregolarità u frodi. Dan ir-riskju japplika partikolarment għall-Istati Membri li x'aktarx se jintlaqtu l-aġar mill-pandemija, u li għandhom rati ta' assorbiment aktar baxxi. Fl-aħħar nett, l-awdituri jenfasizzaw li jista' jkun hemm distorsjoni fil-metodu l-ġdid għall-allokkazzjoni tal-fondi lill-Istati Membri minħabba li ċ-ċifri tal-qgħad tagħhom ma jiġux stmati b' mod suffiċjenti.

L-emendi proposti għad-dispożizzjonijiet komuni li jirregolaw l-użu ta' fondi SIE fil-perjodu 2021-2027 għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċità tal-UE li tirreaġixxi għal ċirkustanzi eċċezzjonali u mhux tas-soltu. Dawn ikunu japplikaw għal kwalunkwe sitwazzjoni rikonoxxuta bħala kriżi mill-Kunsill u jippermettu lill-Kummissjoni biex b' mod temporanju tirreaġixxi malajr bl-użu ta' "deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni". Madankollu, il-proposta tal-Kummissjoni ma tispeċifikax meta tkun tintemm l-awtonomizzazzjoni temporanja tagħha, u lanqas ma tistabbilixxi għadd ta' aspetti li jwasslu għal ġestjoni finanzjarja tajba, bħall-mitigazzjoni tar-riskju ta' "deadweight" (il-finanzjament ta' proġetti li kieku kienu jitlestew xorta waħda) fl-approvazzjoni retrospettiva tal-proġett. Għalhekk, il-Kummissjoni jista' jkollha bżonn iżżid aktar regoli relatati ma' sitwazzjonijiet ta' kriżi hekk kif u meta jseħħu. Fuq nota pożittiva, il-proposta tippreżenta dispożizzjonijiet imtejba għas-segwiment tal-finanzjament ta' emerġenza, li huwa l-ewwel pass lejn aktar trasparenza.

Noti lill-edituri:

Għall-perjodu 2020-2022, il-Kummissjoni qiegħda ttipponi EUR 58 272 800 000 addizzjonali fi prezzijiet attwali.

L-Opinjoni Nru 4/2020 tal-QEA rigward ir-regolament propost dwar REACT-EU u r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni li jirregola l-fondi SIE hija attwalment disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bl-Ingliż; lingwi oħra se jkunu disponibbli fi żmien qasir. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill talbu opinjoni dwar kull proposta, f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. Biex ttiprovdi rispons rapidu, il-QEA ppubblikat dawn l-opinjonijiet f'dokument wieħed.

Il-QEA tikkontribwixxi għat-titjib tal-governanza finanzjarja tal-UE billi tippubblika opinjonijiet dwar proposti għal leġiżlazzjoni ġdida jew riveduta b'impatt finanzjarju. L-opinjonijiet jintużaw mill-awtoritajiet leġiżlattivi — il-Parlament Ewropew u l-Kunsill — fix-xogħol li jwettqu. Fl-2019, l-awdituri ppubblikaw "[Osservazzjonijiet fil-Qosor](#)" dwar il-proposti leġiżlattivi tal-2018 tal-Kummissjoni għall-QFP li jmiss. Huma ħarġu [opinjoni](#) f'April 2020 dwar il-proposta għal flessibbiltà eċċezzjonali fl-użu tal-fondi SIE għall-kriżi tal-COVID-19, li se tkun segwita fi żmien qasir minn opinjonijiet oħra relatati mal-COVID-19. Informazzjoni dwar il-miżuri tal-QEA b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 tista' tinstab [hawnhekk](#).

Kuntatt għall-istampa għal din l-opinjoni:

Damijan Fišer – E: damijan.fiser@eca.europa.eu T: (+352) 4398 45 510 / M: (+352) 621 55 22 24